MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2010

Numru. 431/2009

Il-Pulizija
(Sp Daniel Zammit u Sp Keith Arnaud)
vs
David Joseph Gauci, iben Paul, imwieled Pieta' fl-20 ta' Awwissu, 1987, Karta ta' l-Identita numru 382487(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli bejn il-25 ta' Marzu u is-27 ta' Marzu, 2009, f'xi ħin matul il-ġurnata, ġewwa Triq l-Arkati, Birkirkara, ikkometta serq ta' vettura Nissan Micra, bin-numru tar-reġistrazzjoniAAN 595, għad-dannu ta' Adrian Meilaq, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbeż €2,329.37 u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. talli fis-26 ta' Marzu, 2009, għal ħabta tal-4.00 p.m. ġewwa Triq tal-Ħerba, Birkrkara, ikkometta serq minn fuq il-persuna ta' Patricia Cassar, liema serq hu aggravat bil-

vjolenza u bil-valur li jaqbeż €232.94 iżda mhux €2,329.37;
3. talli fis-26 ta’ Marzu, 2009, għal ħabta tas-7.30 p.m. ġewwa Triq Depiro, Sliema, ikkometta serq minn fuq il-persuna ta’ Rosarie Muscat Azzopardi, liema serq hu aggravat bil-vjolenza u bil-valur li jaqbeż €232.94 iżda mhux €2,329.37;
4. talli fis-26 ta’ Marzu, 2009, għal ħabta tas-7.30 p.m. ġewwa Triq Sant’ Antnin, Sliema, ikkometta serq minn fuq il-persuna ta’ Giovanna Pace, liema serq hu aggravat bil-vjolenza u bil-valur li jaqbeż €232.94 iżda mhux €2,329.37;
5. talli fis-26 ta’ Marzu, 2009, għal ħabta tas-7.15 p.m. ġewwa Triq Ġanni Benċini, Gżira, ikkometta serq minn fuq il-persuna ta’ Diana Nicholl, liema serq hu aggravat bil-vjolenza u bil-valur li jaqbeż €232.94 iżda mhux €2,329.37;
6. talli fl-1 ta’ Mejju, 2009, għal ħabta tas-1.00 p.m. ġewwa Triq Lazzru Pisani, Żebbuġ, ikkometta serq minn fuq il-persuna ta’ Josephine Galdes, anzjana ta’ 68 sena, liema serq hu aggravat bil-vjolenza u bil-valur li jaqbeż €232.94 iżda mhux €2,329.37;
7. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ Josephine galdes, anzjana ta’ 68 sena, f’perikolu ċar, ikkaġuna offiżi ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ l-istess Josephine Galdes minn Ħaż-Żebbuġ;
8. talli fit-2 ta’ Mejju, 2009, għal ħabta tal-11.15 a.m. ġewwa Triq San Pawl, Naxxar, ikkometta serq minn fuq il-persuna ta’ mara, liema serq hu aggravat bil-vjolenza u bil-valur li jaqbeż €232.94 iżda mhux €2,329.37;
9. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali wara li nstab ħati b’diversi sentenżi tal-Qrati ta’ Malta, liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu; u aktar talli wettaq reat fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiża.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-18 ta’ Diċembru, 2009 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

a. fl-artikoli 261(b)(ċ)(g), 263, 264, 267, 271(g), 279(b) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 261(a)(ċ), 262(1)(a), 267, 274(d), 277 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 261(a)(ċ), 262(1)(a), 267, 274(d), 277 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikoli 261(a)(ċ), 262(1)(a), 267, 274(d), 277 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikoli 261(a)(ċ), 262(1)(a), 267, 274(d), 277 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali;
f. fl-artikioli 261(a)(ċ), 262(1)(a), 267, 274(ċ), 276A, 277 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali;
g. fl-artikioli 261(a)(ċ), 262(1)(a), 267, 274(d), 277 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali;
h. fl-artikoli 17, 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Jannar, 2010 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' frar, 2010 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat skonta s-sentenza sospiża msemmija fl-akkużi miġjuba kkontra tiegħu.

Rat il-verbali tas-seduti tal-15 ta' Mejju, 2009 u tas-26 ta' Frar, 2010 fejn l-imputat darbtejn ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat. Rat l-artikoli 49, 50, 261(a)(ċ), 262(1)(a), 263, 264, 267, 271(g), 274(ċ)(d), 276A, 277, 278(3), 279(a) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' tlett snin priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------